# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-8 ta' Ottubru 2021**

**Rikors Numru : 336/2019 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**JF**

**Vs**

**TF**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' JF, datat 22 ta' Lulju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrent izzewweg lil TF fit-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995) – certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok 'A'.*

*Illi minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied, KF u SF ahwa F u l-mantneiment dovut ghalihom dejjem thallas regolarment minn JF u ghalhekk m'hemmx arretrati ta' manteniment.*

*Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa tal-ghaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011), kopja awtentika tal-istess qeghda tigi hawn anness u mmarkata Dok 'B'.*

*Illi l-partijiet kienu ddekadew mid-dritt taghhom li jitolbu u jircievu manteniment*

*minghand xulxin.*

*Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin.*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

*Illi ghaldaqstant ir-rikorrent jissodisfa r-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju.*

*Illi huwa jixtieq jiddivorzja u li z-zwieg tieghu jigi mahul.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn JF u TF u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku u dan taht kull provvediment iehor li jidhrila xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' TF datata 19 ta' Ottubru 2020, a fol 18 li taqra hekk:

1. *Illi l-eccipjenti qeghdha topponi ghad-divorzju stante illi ma gewx sodisfatti ir-rekwiziti ta' l-Artikoli 66B(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li l-attur JF naqas milli jhallas manteniment ghal bintu KF, li ghalkemm magjorenni, qed issegwi kors full-time – dan ai termini tal-Kuntratt fl-Atti Dr. Liza Schembri datat 15 ta' Dicembru 2016 – Kopja annessa u mmarkata Dok. TF1.*

2. *Illi effettivament, JF, kuntrarjament ghal dak illi sostna taht gurament fl-ewwel paragrafu tar-Rikors Guramentat tieghu, ilu ma hallas manteniment ghal KF ghal oltre sena u fil-fatt gia saru diversi rapporti mill-Pulizija fl-Ghassa tal-*

*Hamrun ghal dan il-ghan. Filwaqt illi wahda mis-seduti giet posposta fiz-zmien kontinwa ta' hlas ta' manteniment ghal uliedu, bl-ahhar rapport indikat fid-dokument hawn anness u mmarkat Dok. TF2.*

3. *Illi ghalhekk, qabel ma l-attur ihallas il-manteniment kollu dovut ghal bintu, ma jistax jinghad illi gew sodisfatti ir-rekwiziti tal-ligi. Dan oltre id-dikjarazzjoni falza illi ghamel JF taht gurament fir-rikors promotur tieghu.*

Rat in-nota ta' TF datata 12 ta' Lulju 2021, li permezz taghha ddikjarat illi thallset tal-arretrati ta' manteniment dovuti sal-lum u b'hekk irtirat l-eccezzjonijiet taghha. (vide fol 53);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**Malcolm Borg, prodott mill-intimata ikkonferma (Vide fol 26A),** illi huwa ghandu kariga gewwa t-training centre tal-MCAST fejn jmexxi c-centru tal-Agrikoltura Akwatika u Xjenzi ta' l-Annimali. Sostna illi it-tifla tal-kontendenti KF hija studenta u qed ssewgi kors ta' tlett snin fulltime u li bhalissa qieghda fit-tieni sena tal-kors. Ix-xhud ppresenta Dok MB1 sa MB3 li jikkonfermaw data u informazzjoni li KF qed ssegwi dan il-kors. Xehed illi l-attendenza taghha hija wahda tajba kif ukoll ghandha performance tajba hafna b'rizultati tajbin.

**JF xehed (vide fol 83)** illi huwa ilu separat minn ma martu xi ghaxar u cioe, bil-kuntratt datat 10 ta' Mejju 2011 (vide Dok B, fol 4). Sostna illi mid-data tal-kuntratt sal-lum, qatt ma regghu ghexu flimkien u ma hemm ebda tama tal-istess. Xehed illi pendenzi ta' manteniment ma hemmx.

**TF xehdet (vide fol 84)** u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

***66B.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-2 ta Settembru 1995, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1470/1995 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 3). U minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar l-10 ta' Mejju 2011, fl-atti tan-Nutar Dr Dorianna Arapa (vide Dok B, a fol 4 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', jirrizulta li l-arretrati ta' manteniment dovuti thallsu mill-attur fil-mori tal-kawza (vide nota tal-intimata datata 12 ta' Lulju 2021, fol 53 u x-xhieda tal-intimata a fol 84).

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1470/1995 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**